MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1713/2001/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghall-Qatar Insurance Company u din kif surrogata fid-drittijiet ta' Peter Barbara u l-istess Peter Barbara**
**vs**

**Antoine Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fis-7 ta' Dicembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sittin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm260.99), u li jigi dikjarat li l-konvenut kienresponsabbli ghall-inicdent li gara l-Qrendi fit-3 t'Awissu, 1998, bejn Fiat Regata numru IAU-979 misjuqa matul Triq l-Aragonizi (driegh mimdud ta' T-junction) u Mazda tip 323 numru KAH-204 misjuqa mill-konvenut li harget mid-driegh mimdud tat-T-junction;**

**Flimkien ma kundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont mitlub bhala danni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-3 t'April, 2002, li fiha qal:**
**i. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-attur Peter Barbara, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Peter Barbara hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' PS570 Joseph Cilia. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi din il-kawza tirrigwarda danni minn kollizzjoni. Gie eccepit li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija l-preskrizzjoni biennali.**
**2. Id-danni reklamati jirrigwardaw incident li sehh fit-3 t'Awissu, 1998, u l-kawza odjerna giet prezentata fis-7 ta' Dicembru, 2001.**
**3. Jirrizulta li kienet saret ittra ufficjali kontra l-konvenut, li giet prezentata fil-25 ta' Mejju, 2000. Wara diversi tentativi biex jigi notifikat, saret in-notifika bl-affissjoni fl-10 t'Awissu, 2000, u saret in-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 t'Ottubru, 2000.**
**4. Issa Jigi rilevat li l-Artikoli 2127 et seq tal-Kap 16 jipprovdu dwar il-kazijiet fejn ikun hemm ksur ta' preskrizzjoni, fosthom l-Artikolu 2128 li jipprovdi li:**
**"Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innottifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom."**

**5. Inoltre jigi rilevat li:**
**"….il gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija kollha fis-sens illi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tigi interrotta bil-prezentata tac-citazzjoni u dana indipendentement min-notifika ta' l-istess" u jkompli jinghad fl-istess sentenza: "……………………….u dana kuntrarjament ghall-kaz fejn l-att gudizzjarju mhuwiex ic-citazzjoni fejn allura hemm bzonn in-notifika kif rikjest mill-ligi ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni….." (Vol.LXXXIII-III-245)**
**6. Fil-kaz in ezami, l-avviz gie prezentat ferm wara li kienu ghaddew is-sentejn imsemmija liema sentejn bdew jiddekorru mid-data ta' l-incident ossija mit-3 t'Awissu, 1998. L-ittra ufficjali ghalkemm prezentata entro it-terminu tas-sentejn giet notifikata wara. Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement jichad it-talbiet attrici.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------